MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 524/2011

**Michael Attard Limited (C-32362)**
**Vs**
**Alan Farrugia (K.I. 416780M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici qed titlob lill-intimat ihallas is-somma ta’ mitejn, wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€221.34) rapprezentanti import ta’ erba’ (4) kambjali skaduta, accettati u firmati mill-konvenut; bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fit-8 ta’ Mejju, 2012 mill-Avukat Martin Bajada u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ mitejn, wiehed u ghoxrin ewro u erbgha u tletin centezmu (€221.34) u dan bl-ispejjez u bl-imghax ulterjuri mid-data tal-iskadenza sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------